# BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Lulju 2002**

**Rikors numru 24B/98**

**Numru**

**Joseph Pace u martu Maria Pace**

**vs**

**Jane Vassallo**

Ic-"Chairman" tal-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi huma jikru lill-intimata l-ghalqa msejjha 'Ta Bellu' fil-limiti tas-Siggiewi tal-kejl ta' cirka tlett itmien versu l-qbiela ta' tlett liri (Lm3) fis-sena pagabbli b'lura kull 15 ta' Awissu prossima skadenza fil-15 ta' Awissu 1999;

L-esponenti ghandhom bzonn jirriprendu l-ghalqa in kwistjoni sabiex jahdmuha bhala raba u inoltre din mhix fonti importanti ghall-ghixien tal-intimata; u

Inoltre f'dawn l-ahhar snin l-esponenti ma sewwitx u ma zammetx fi stat tajjeb il-hitan tal-ghalqa li f'partijiet kbar thallew u huma imwaqqa kif ukoll halliet il-kamra fi stat ta' abbandun. Di piu' l-esponenti nehhiet hafna sigar tad-dwieli;

L-esponenti talbu bir-rispett illi ghar-ragunijiet premessi, dan il-Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu l-pussess tal-imsemmi raba ossia ghalqa billi joghgbu jordna l-izgumbrament tal-intimata f'terminu qasir u perentorju li jigi liha prefiss u,jekk talvolta jkun il-kaz, jiffissa kull kumpens li jista' jkun dovut lill-intimata skond il-ligi.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-intimata (fol 4 tal-atti) u li biha esponiet:

1. Preliminarjament il-gudizzju mhux integru stante li d-dritt tal-qbiela ma jappartjenix biss lill-esponenti. Sehem r-ragel

taghha, illum mejjet, fl-istess dritt ta' lokazzjoni ntiret minn uliedu.

2.Illi mhux minnu li r-rikorrenti ghandhom bzonn jirriprendu l-ghalqa sabiex jahdmuha.

3. Illi l-esponenti ilha tahdem l-ghalqa snin shah u qatt ma hallietha fi stat ta' abbandun. Fil-fatt, l-ghalqa ghadha sallum tinzera.

4. Illi ma jezistux ragunijiet validi fil-ligi ghar-ripresa tal-ghalqa.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

<u>Ikkonsidra</u>

Illi, hawnhekk, qed tigi decisa l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-intimata u li biha issottomettiet illi l-gudizzju ma jkunx integru 'stante li d-dritt tal-qbiela ma jappartjenix biss lill-esponenti (l-intimata). Sehem ir-ragel taghha, illum mejjet, fl-istess dritt ta' lokazzjoni ntiret minn uliedu'.

Ikkonsidra

Illi in sostenn tal-istess eccezzjoni, l-intimata resqet is-segwenti xhieda:-

a) Joseph Vassallo (fol 10 et seq ibid) bin l-intimata u kuntrattur tal-bini. Dan issottometta li l-ghalqa in kwistjoni kienet giet mikrija lil missieru, Nazzareno, li miet fl-1992. Sal-mewt ta' dan, il-genituri tieghu kienu bdiewa 'full time' u jahdmu l-istess ghalqa registrata f'isem missierhom. "Wara l-mewt ta' missieri, l-ghalqa kompliet tinhadem minn ommi, l-intimata bl-ghajnuna tieghi u ta' huti', specifikatament dawk li kienu jirrisjedu hawn Malta cjoe l-istess xhud, Doris Magri u Angele Cassar kollha mizzewgin b'Angele Cassar toqghod ghand l-istess intimata peress li hi u zewgha ma jahdmux. Filfatt ix-xhud ippreciza, ulterjorment li hu u hutu li sema' kienu jghinu lill-intimata anke qabel ma miet Nazzereno Vassallo, stante li dan kien marad.

b) L-imsemmija Angele Cassar (fol 19 u 20 ibid) semmiet, li meta miet missierha, hi kienet imsiefra. Difatti, kienet irritornat f'Malta fl-1995 waqt li, fis-sustanza ikkonfermat dak li kien xehed huha Joseph Vassallo.

c) Doris Magri (fol 21 et seq ibid) ukoll specifikat li r-raba tinhadem minn ommha, l-intimata bl-ghajnuna taghha u ta' binha meta ma komplietx taghmel dan. Difatti hi xehdet li hi ma komplietx tghin lill-ommha fix-xoghol tar-raba' stante li 'sibt xoghol iehor'. Inoltre kontrarjamemnt ghal dak li xehed Joseph Vassallo huha , hi qalet 'Hija, Joseph Vassallo ma jistax jahdem ghax ghandu xoghol iehor ukoll' kif ukoll 'presentament ir-raba' jinhadem minn ommi' bl-ghajnuna 'Gieli'… ta' zewgha u 'nerga nghid li meta miet missieri konna mmorru nghinu fir-raba' jiena, it-tifel tieghi u gieli r-ragel tieghi'.

d)L-istess intimata (fol 32 et seq ibid) llimitat ruhha biex tghid illi wara l-mewt ta' zewgha 'l-ircevuti (vis-à-vis il-qbiela mhallsa) kienu johorgu fuq ismi', liema fatt, gie verifikat mill-istess 'Chairman' tal-Bord billi ra l-ircevuti mahruga minn Joseph Pace, ir-rikorrenti bejn l-1991 sal-1997. Hi kompliet tghid li '….. jien mort noffri l-kera sabiex jithallas mhux f'isem xi hadd iehor dejjem f'ismi'

Ikkonsidra

Illi r-rikorrenti (fol 41 et seq ibid) ukoll xehed li l-ircevuti msemmija kienu johorgu '……..fuq isem Giovanna Vassallo biss' wara li miet l-imsemmi zewgha, 'Nikola' (ossija

Nazzareno). Inoltre hu esebixxa korrispondenza li tinsab minn fol 35 sa fol 39 tal-atti). Hu rilevanti li wiehed jara li offerta ta' hlas tal-qbiela (mhux accetata mir-rikorrenti) saret minn Giovanna sive Jane Vassallo wahedha' (ara fol 35, 36 u 39 tal-istess atti) minghajr ma saret b'xi mod referenza ghat-tfal ta' din hawn fuq imsemmija.

Ikkonsidra

Illi mill-premess, jidher evidenti li l-intimati anke wara li gie konsiderat l-artikolu 2 tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta specifikatament dak li jinghad in rigward 'Cessjonarju tal-kirja u kerrej', hi d-detentur tal-kirja fuq l-ghalqa in kwistjoni ad esklusjoni tat-tfal taghha. Dan kollu hu evidenzjat mill-ircevuti li inhargu wara l-mewt tal-imsemmi Nazzereno Vassallo kif ukoll mill-offerta ta' pagament ta' skadenza tal-qbiela dovuta li saret mill-intimata wahedha.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni preliminari in esami u jordna li jitkompla s-smiegh ta' dan il-kaz fuq il-mertu, bl-ispejjes risevati.

Alan Callea
Deputat Registrutur